IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum is-7 ta' Mejju, 2026

Rikors numru: BCT/104/2025 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Jeffrey Attard

Vs

L-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Ra li l-attur preżenta dan l-appell permezz ta' tlett *emails* separati għar-rigward ta' tlett avviżi distinti. L-ewwel *email* mibgħuta nhar is-7 ta' Diċembru tgħid s-segwenti:

> *Permezz ta' din l-email qieghed nappella il-Penali Amministrativa ta' Ewro 300.*
>
> *Il-Binja diga zviluppata u qeghdin nghamlu xoghol fuq culvert biex l-Enemalta u service providers ohrajn ikunu jistaw jghaddu l-cables.*
>
> *In-nuqqas ta' xtiebi mhux imsakkra grat imhabba li l-garr waqqaf il-haddiema tieghi milli jkomplu ixxoghol. Ix-xtiebi dejjem kienu sikuri u kif ghidllek dawn inqalaw meta ma' stajniex inkomplu ix-xoghol.*
>
> *Issa se jkunu sikuri.*

Sa ghaxart ijem ohra ix-xoghol fuq il-kulvert ghandu ikun lest, sakemm ma' jkunx hemm ittardjar minhabba l-maltemp.

Ghalhemm nitolbok tahfer din il-penali.

Nirringrazjak minn quddiem.

It-tieni email, ukoll mibgħuta nhar is-7 ta' Diċembru tgħid is-segwenti:

Permezz ta' din l-email qieghed nappella il-Penali Amministrativa ta' Ewro 150.

Il-Binja diga zviluppata u qeghdin nghamlu xoghol fuq culvert biex l-Enemalta u service providers ohrajn ikunu jistaw jghaddu l-cables.
It-tabelli kienu hemm u xi hadd qalahhom, ghax il-girin ta hdejna qed jghamlu hsara vendikattiva u ghalhekk kollox huwa possibli.

Issa it-tabelli ghamilnihom u ghalhekk nitolbok turi konsiderazzjoni mieghi u tahfirli din il-penali u minn naha tieghi nintrabat li mhux hemm aktar problemi fuq it-tabelli.

Nirringrazjak minn quddiem.

It-tielet email mibgħuta nhar is-7 ta' Diċembru, 2024:

Permezz ta' din l-email qieghed nappella il-Penali Amministrativa ta' Ewro 500.

Il-Binja diga zviluppata u qeghdin nghamlu xoghol fuq culvert biex l-Enemalta u service providers ohrajn ikunu jistaw jghaddu l-cables.

In-nuqqas ta' tindif ma' kienx it-tort tieghi. Il-garr beda jargumenta li irid isir xi haga biex jekk tghamel ix-xita ma' jidhollux ilma. Wiehed mis-sidien tal-post ha l-inizzjattiva biex jevita argumenti mieghu u bhala koperazzjoni ghamel xkejjer bit-torba temporarji sakemm jieqaf il-maltemp u nkunu nista inkomplu.

Sa ghaxart ijem ohra ix-xoghol fuq il-kulvert ghandu ikun lest, sakemm ma' jkunx hemm ittardjar minhabba l-maltemp.

Ghalhemm nitolbok tahfer din il-penali.

Nirringrazjak minn quddiem.

Ra r-risposta tal-Awtorita' intimata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponenti Awtorità qegħda tissolleva l-fatt li tali appell ma jikkonformax mad-detti tal-artikolu 44 tal-Kap. 623 stante li l-appell ma kienx akkumpanjat ma kopja tad-deċiżjoni talAwtorità, kwindi tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;

2. Illi wkoll in linea preliminari tali appell huwa illum fuori termini;

3. Illi mingħajr preġudizzju għal dak sottomess preliminarjament l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

4. Illi qegħdin jkunu annessi u immarkati bħala DOK A -Trail of event, liema jinkludi bħala ritratti l-annessi min BCT PH 1 sa BCT PH 2;

5. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Dan l-appell jittratta tliet avviżi tal-Awtorita' intimata li jġibu l-istess data u ċioe' dik tad-19 ta' Novembru, 2024 u kif ukoll ġewwa l-istess sit Giżimin, Triq Lorenzo Manche', Attard, Malta. L-avviż huma dwar is-segwenti u jġorru penali amministrattiva rispettiva:

a) Nuqqas ta' Tabella tal-Avviżi - €150
b) Nuqqas ta' tindif immedjat, knis, ħasil jew tneħħija ta' trab mit-triq - €500
c) Nuqqas ta' xtiebi mhux imsakkra b'aċċess miftuħ għall-pubbliku inkluż tfal u stekkat li mhux skond l-ispeċifikazzjonijiet tar-regolamenti - €300

It-Tribunal sejjer l-ewwel iqis iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari imressqin mill-Awtorita' intimata.

L-ewwel eċċezzjoni

L-ewwel eċċezzjoni hija dwar in-nuqqas tal-appellant li jehmeż kopja tal-avviż tal-Awtorita' kif meħtieġ minn artikolu 44 tal-Kap. 623. Filwaqt li huwa minnhu li l-appellant ma preżenta d-deċiżjoni mal-ebda mill-emails mibgħuta sabiex jinterponi dan l-appell, it-Tribunal iqis li dan in-nuqqas ġie sanat bil-preżentata tal-avviż fl-atti u għaldaqstant ma jarax li dan għandu jwassal għan-nullita tar-rikors promotur. (f'dan is-sens ukoll, fost ohrajn, is-sentenza deciza minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut, fit-18 ta' Gunju, 2024 Rik. Nru. BCT/09/2024 flismijiet Claudio Calleja v. Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni). In vista' ta' każistika ormai kostanti dwar dan il-punt, it-Tribunal ma jqisx li l-artikolu 44 japplika b'mod tassattiv u kwalunkwe partenza mill-istess artikolu għandu neċessarjament iwassal għan-nullita. It-Tribunal iġib is-sustanza fuq kwalunkwe formalita' u dan kif jista' jirriżulta mid-diversi

sentenzi mogħtija minn dan l-Onorabbli Tribunal kemm kif presedut u kif diversament presedut. B'hekk it-Tribunal ma jqisx valida din l-eċċezzjoni preliminari u qed tiġi miċħuda.

It-tieni eċċezzjoni

It-tieni eċċezzjoni preliminari tissolleva li l-appell ġie preżentat fuori termine. It-Tribunal ma jaqbilx. Minn eżami sempliċi jirriżulta li l-avviż iġib id-data tad-19 ta' Novembru, 2024 filwaqt li l-appelli ġew intavolati nhar is-7 ta' Diċembru. B'hekk l-appell sar fiż-żmien mitlub mil-liġi u din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda ukoll.

Illi jifdal allura li jiġi trattat il-mertu tal-appell odjern u b'hekk it-Tribunal ser ikun qed jitratta kull avviż b'mod separat.

Nuqqas ta' tabella tal-avviżi

Dwar din il-penali l-appellant jgħid li t-tabella kienet preżenti iżda xi terz qala' l-istess tabella u anke irrefera għal att vendikattiv u allura kriminali minn ġirien. Xehed Jeffrey Attard li dwar din il-materja jgħid: "*Dik ma nista' ngħid xejn fuqha. Jista' jkun kienet imwaħħla u nqalgħet bir-riħ jew whatever. Dik ma nista' ngħid xejn dwarha."*

It-Tribunal wara li fela l-verżjoni tal-appellant u l-provi prodotti mill-Awtorita' jidher evidenti li t-tabella kienet nieqsa minn fuq is-sit. Huwa l-obbligu tal-appellant, f'dan il-każ li jġib prova li turi li t-tabella kienet fis-sit. Dan ma sarx. Għaldaqstant it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni tal-Awtorita' kienet korretta. Din il-parti tal-appell ser tkun qed tiġi miċħuda.

Nuqqas ta' tindif immedjat, knis, ħasil jew tneħħija ta' trab mit-triq

Dwar dan l-avviż l-appellant jgħid li dan seħħ minħabba li wieħed mill-kompraturi ta' wieħed mill-appartamenti ħalla xi xkejjer bit-torba sabiex ma jidħolx ilma għand terzi. Jeffrey Attard ukoll xehed dwar din il-materja u jgħid is-segwenti:

Għamilha b'intenzjoni tajba hu għax in-neighbour ta' ħdejna, il-ħin kollu jċempel kien u jċempel lilu għax ħa negħreq u dawn l-affarijiet kollha. Allura ġab l-ixkejjer, imlihom bl-

imbarazz, għamel ħafna terrapien fit-triq biex l-ilma ma jidħolx f'din il-kulvert li konna qed nagħmlu. Hu għamilha b'ġesta tajba imma fil-verità, l-ilma kien dieħel fil-kulvert għax konna qed naħdmu imma m'għandux għalfejn jidħol għand ta' ħdejna. Daħal għand ta' ħdejna l-ilma, jekk daħal għandu, għax ma nafux x'daħal, għax huwa l-basement tiegħu m'għandux waterproofing kif suppost, għalhekk daħal għandu.

Dwar din il-materja it-Tribunal jinnota li ma ġie preżentat ebda ritratt mill-Awtorita' intimata li jġib id-data tal-avviż. Ir-ritratti preżentati iġibu d-data tal-31 ta' Jannar, 2025 u tad-19 ta' Frar 2025 u allura ferm wara d-data li qed issir referenza għaliha fl-avviż. Fi kwalunwke każ, mir-ritratti esebiti ma jirriżultax għal liema ħmieġ qed jirreferi l-avviż in kwistjoni. Kien jinkombi fuq l-Awtorita' li ġġib il-provi neċessarji sabiex tindika l-ħmieġ u l-materjal li kellu jitnaddaf u li servew bħala l-bażi tal-avviż. Dan ma sarx. Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' din il-parti tal-appell.

Nuqqas ta' xtiebi mhux imsakkra b'aċċess miftuħ għall-pubbliku inkluż tfal u stekkat li mhux skond l-ispeċifikazzjonijiet tar-regolamenti

Dwar din il-materja, fl-email tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li "*In-nuqqas ta' xtiebi mhux imsakkra grat imhabba li l-garr waqqaf il-haddiema tieghi milli jkomplu ix-xoghol. Ix-xtiebi dejjem kienu sikuri u kif ghidllek dawn inqalaw meta ma' stajniex inkomplu ix-xoghol*."

Hawnhekk it-Tribunal ukoll jinnota li ma ġie preżentat ebda ritratt mill- Awtorita' intimata li jġib id-data tal-avviż. Ir-ritratti preżentati iġibu d-data tal-31 ta' Jannar, 2025 u tad-19 ta' Frar 2025 u allura ferm wara d-data li qed issir referenza għaliha fl-avviż. Bl-istess mod bħall-avviż preċedenti, l-Awtorita' intimata naqset ukoll milli tindika ix-xtiebi mhux imsakkra u stekkat mhux skond l-ispeċifikazzjonijiet. Hawnhekk ukoll kien jinkombi fuq l-Awtorita' li ġġib prova ta' dan u n-nuqqas ta' prova ser iwassal sabiex it-Tribunal jgħaddi biex jilqa' din il-parti tal-appell.

Decide

Dan it-Tribunal għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-appell billi jiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita' intimata, jiċħad l-appell in parte rigward l-avviż

BCA/P08/0231/2024 konċernanti n-nuqqas ta' tabella u b'hekk jikkonferma l-avviż tal-Awtorita' inkluż il-penali amministrattiva ta' €150 u jilqa' il-parti tal-appell konċernanti l-avviż BCA/P08/0232/2024 u l-avviż BCA/ENF08/0012/2024 u b'hekk jirrevoka ż-żewġ avviżi msemmija u jirrevoka l-penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) u tlett mitt ewro (€300) rispettivament.

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan A. Psaila**
Chairperson	Membru	Membru